MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 44/2007

**A B**
**vs**
**C D, u b' digriet tal-21 ta' Marzu 2007**
**il-kunjom 'D' gie sostitwit bil-kunjom'B'**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu gewwa l-Knisja tas-Salib Imqaddes gewwa Floriana fit-tlettax (13) ta' April 1972 skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dokument "A";

Illi l-kontendenti kien ilhom jafu lil xulxin ftit xhur biss qabel l-intimata harget tqila u sussegwentement il-kontendenti izzewgu minhabba l-istess tqala;

Illi wara perjodu qasir ta’ hajja matrimonjali, l-kontendenti isseparaw de facto minn xulxin;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u kif ser jigi pruvat ahjar wara t-trattazzjoni tal-kawza, iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null, billi ma nholoqx kuntratt validu ta’ zwieg u dan peress li l-istess kuntratt kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittjiet u dmirijiet essenzjali taghha da parti tal-kontendenti, u dana kif dispost fis-sub-inciz (1)(d) tal-artikolu 19 tal-Kap. 255, kif ukoll peress illi l-kunsens da parti tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dana kif dispost fis-sub-inciz (1)(f) tal-artikolu 19 tal-Kap 255;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlettax ta’ April 1972 huwa null u bla effett legali u dan kif previst fl-artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255;

2. Konsegwentement tordna li dina n-nullita tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi in linea preliminari jinghad illi ghandha ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fl-ismijiet premessi stante illi l-konvenuta qatt ma rrevertiet ghall-kunjom xbubitha D izda kunjomha attwalment huwa B.

2. Illi kien biss il-kunsens ta’ l-attur li kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha

jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghalih jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

3. Illi ghalhekk huwa minnu li z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi ritenut null u invalidu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi izda dan minhabba ragunijiet imputabbli solament lill-attur.

4. Illi minhabba f’ hekk l-eccipjenti ma ghandhiex tbati xi spejjez ta’ din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-13 ta’ April 1972 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi n-nullita’ taz-zwieg ghar-raguni kontemplata fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-13 ta’ April 1972 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 24 sena, u wkoll meta l-konvenuta kellha hames [5] xhur tqala. Huma kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa tmien [8] xhur qabel iz-zwieg. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal f’ Ottubru 1973 u Novembru 1974. Wara konvivenza matrimonjali ta’ seba’ [7] snin il-partijiet isseparaw u l-attur mar jikkonvivi mal-persuna li kellu relazzjoni extra matrimonjali maghha mis-sena 1972 u li ghadu jghix maghha sallum, u li minnha ghandu b’ kollox hamest [5] -it

tfal li twieldu fil-13 ta' Dicembru 1973, fil-21 ta' Marzu 1975, fil-21 ta' Gunju 1978, fit-13 ta' Lulju 1979 u fil-15 ta' Marzu 1983[1].

L-attur jispjega li huwa ma kienx ried jizzewweg lill-konvenuta, izda meta sar jaf li kienet harget tqila, huwa kien accetta li jizzewweg; u li kieku ma kienitx ghat-tqala tal-konvenuta, allura gharusa tieghu, huwa ma kienx jizzewweg.

Illi sussegwentement ghaz-zwieg twieldet it-tarbija fit-2 ta' Awissu 1972, izda din mietet f' Novembru ta' l-istess sena. Gara li f' dan l-istadju l-konvenuta marret tghix ghal xi zmien ghand ommha, filwaqt li l-attur baqa' jghix wahdu fl-appartament li kellhom mikri. <u>Fl-istess sena</u> l-attur ltaqa' mal-mara li qieghed maghha llum u beda relazzjoni maghha ad insaputa tal-mara tieghu. Sussegwentement din ukoll harget tqila minnu, u konsegwentement kien krielha appartament f' tas-Sliema fejn kien izurha regolarment.

Sadanittant il-konvenuta kienet rritornat tghix ma' l-attur fid-dar konjugali, u l-attur baqa' jghix hajja doppja ma' zewg nisa, ad insaputa taghha.  Sussegwentement f' Ottubru 1973 il-konvenuta weldet tifel, filwaqt li f' Dicembru 1973 il-habiba ta' l-attur weldet tifla.  F' Novembru 1974 il-konvenuta weldet it-tieni wild taghha, filwaqt li f' Marzu 1975 il-habiba ta' l-attur weldet it-tieni wild taghha. Sussegwentement il-habiba ta' l-attur weldet zewgt ulied ohra, f' Gunju 1978 u Lulju 1979.  Illi huwa pacifiku li dawn it-tfal kollha, huma ta' l-attur.

Illi mar-raba' wild, il-habiba ta' l-attur kienet kitbet lill-konvenuta u nfurmata b' kollox, bir-rizultat li dina ggieldet ma' zewgha u l-konvivenza matrimonjali ta' bejniethom spiccat u l-attur mar ikompli jghix mal-habiba tieghu. Sussegwentement f' Marzu 1982 kellu tifla ohra, minn din il-mara.  Huwa ghadu sallum jikkonvivi maghha.

[1] Atti tat-twelid ezebiti

Dan jinsab konfermat mix-xhieda ta' din il-mara; kif ukoll, u sa certu grad mill-konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in tema legali jigi osservat li mill-att tac-citazzjoni jidher li t-talbiet attrici huma bazati fuq [1] difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fuq id-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja matrimonjali; u [2] fuq l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew xi obbligu essenzjali ghaz-zwieg; u dan da parti taz-zewg partijiet.

Skond il-Kodici Pio Benedettin dawn jirreferu ghall-kanoni 1082 u 1086; kif ukoll il-caput nullitatis li zdied mill-gurisprudenza rotali, dak ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li kien diga' jigi applikat qabel l-introduzzjoni tal-Kodici Kanoniku tas-sena 1983 f' dawn it-termini "It is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contract through which a state of life is accepted which has grave obligations."[2]

Illi mill-kwadru premess jirrizulta car u manifest ghal din il-Qorti li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu l-konvenut b' att pozittiva tal-volonta' tieghu eskluda dmirjiet necessarji ghal-hajja konjugali, u senjatament l-obbligu tal-fedelta. Il-komportament tieghu <u>ftit tax-xhur</u> wara z-zwieg huwa konferma tal-fatt li fil-mument taz-zwieg il-konvenut internament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu eskluda l-obbligu tal-fedelta' fiz-zwieg.  Bir-rizultat li fl-istess sena li fiha huwa zzewweg, huwa kien ittanta u qabad ma' mara ohra; u inoltre, ghal kwazi tul il-konvivenza matrimonjali kollha huwa ghex f' relazzjoni extra matrimonjali ma' mara ohra li minnha ghandu hamest-it tfal, li tlieta minnhom twieldu waqt il-konvivenza tieghu mal-konvenuta.

[2] Decizjoni Rota *De Jure* – 19.12.1961

Dan premess u kkunsidrat it-talba ta’ l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, stante li jikkonfigura fil-konfront ta’ l-attur il-caput nullitatis konsistenti fl-eskluzjoni pozittiva ta’ dmirijiet essenzjali ghal-hajja konjugali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta’ April 1972. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------